MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-29 ta' April, 2004

Talba Numru. 346/2004

**Lloyds (Malta) Limited bhala rapprezentanti ex lege ghan-nom tal-membri ta' Lloyds li jifformaw is-syndicates bin-numri 727, 807, 510, u 1245 u Rausi Insurance Agency Limited**

**Vs**

**Sebastian Formosa**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm779.32c (seba' mija u disgha u sebghin lira Maltin u tnejn u tletin centezmu) rapprezentanti danni kkawzati minnu stess fuq il-karozza GAB 269 proprjeta' ta' William Shead, assigurat mill-atturi taht polza comprehensive, li ghalhekk huma surrogati fid-drittijiet tieghu minhabba li l-konvenut bi traskuragni u nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku habat gol-karozza msemmija f'Hal Luqa, nhar is-6 ta' Settembru 2003 waqt li hu kien qed isuq il-karozza FAD 017.

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talba attrici kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------